



Nagħmlu l-aħjar mossi

Il-llum il-ġurnata, miljuni ta' Ukraini qegħdin jaħdmu barra minn pajjiżhom u din l-idea qegħda tattira wkoll lil ħafna oħrajn. Madankollu, ħafna minnhom imorru illegalment u dan jagħmilhom vulnerabbli għal esplotazzjoni mit-traffikanti tal-bnedmin u minn impjegaturi bla skrupli. Iċ-ċentri għall-pariri lill-immigranti (CMAs) jgħinu lill-Ukraini biex jagħmlu għażliet infurmati u jipprovdulhom appoġġ prattiku u legali.

Bl-ghajjnuna ta' dawn iċ-ċentri, mijiet ta' Ukraini sabu opportunitajiet ta' xogħol legali barra l-pajjiż u rnexxielhom jinqalgħu minn sitwazzjonijiet diffiċli. Oleg, li darba waħda spiċċa tilef ammont sostanzjali ta' flus wara li kien għamel żmien jaħdem f'impjieg falz barra mill-pajjiż, seta' jsib impjieg diċenti u legali fir-Repubblika Ċeka.

Natalya, waqt li kienet qegħda taħdem fid-Danimarka, għet imċaħħda mill-pagi li kienet dovuta għalihom minn impjegatur lokali. CMA laqqagħha ma' servizz Daniż li joffri pariri legali lill-emigranti, li ma damx ma solva l-litigazzjoni.



POLITIKA EWROPEA TAL-VIĊINAT:
KWISTJONIJIET POLITIĊI

INTERESSI KOMUNI,
VALURI KOMUNI

Politika Ewropea tal-Viċinat

ec.europa.eu/world/enp

Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali
għar-Relazzjonijiet Esterni
B – 1049 Brussell
enp-info@ec.europa.eu

NF-30-08-052-MT-D

Għajjnuna lill-Ukrajna biex tlaħħaq mal-fluss tal-immigrazzjoni

L-Ukrajna għandha xejn inqas minn 500 kilometru tal-fruntiera tal-lvant tal-UE. Barra minn hekk, hija għandha fruntieri ma' tliet pajjiżi mhux fl-UE, inkluż fruntiera ta' 1 500 km mal-Federazzjoni Russa. Dan kollu jagħmel lil dan il-pajjiż post ideali fil-mira għall-immigrazzjoni irregolari lejn l-Unjoni – fl-2007 kien hemm aktar minn 30 000 immigrant mhux irreġistrati li ppruvaw jidhru fil-pajjiż – li jpoġġi limitazzjoni kbira ħafna fuq ir-riżorsi tal-pajjiż.

Il-Ministeru Ukrajn tal-Affarijiet Interni u awtoritajiet oħrajn qegħdin jikkooperaw mal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Immigrazzjoni (IOM) dwar programm appoġġjat mill-UE biex tittejjeb l-abbiltà tal-gvern fil-ġestjoni tal-flussi tal-immigrazzjoni.

Il-programm jappoġġja firxa wiesgħa ta' attivitajiet, mill-bini ta' infrastruttura fiżika sa taħriġ u riċerka, bil-għan li jgħin lill-Ukrajna tiżviluppa sistema komprensiva għall-ġestjoni tal-immigrazzjoni.


Konfini ġodda fil-ġestjoni tal-fruntieri

Il-programm jipprova wkoll taħriġ biex jittejjbu l-abbiltajiet tal-gwardji tal-fruntiera u ta' persunal oħrajn li f'ħidmiethom iridu jittrattaw kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-immigranti. Is-Servizz tal-Istat tal-Gwardja tal-Fruntiera jaħdem mal-kontropartijiet Ungeriżi u Pollakki tagħhom fuq sistemi ta' reklutaġġ, taħriġ u żvilupp tal-karrieri, kif ukoll fuq it-titjib tal-leġiżlazzjoni.


"Dawn il-proġetti wittew il-bażi għal sistema moderna ta' ġestjoni tar-riżorsi umani," isostni Jeffrey Labovitz tal-IOM, l-għassiesa tal-immigrazzjoni internazzjonali. "L-IOM tilqa' b'merħba l-isforzi tal-Ukrajna biex twettaq ir-riforma b'konformità mal-istandards tal-UE. Flimkien, aħna nistgħu nassiguraw li l-assistenza tagħna tibni fuq il-fondazzjonijiet ta' bidla fundamentali li s-servizz qiegħed jaħdem biex jikseb."

"Dan huwa wieħed mill-ewwel programmi li jagħmlu aktar minn sempliċiment jipprova t-tagħmir," josserva Oleksandr Panchenko tas-Servizz tal-Istat tal-Gwardja tal-Fruntiera. "Aħna nużaw ir-rapporti mħejjija minn esperti tal-UE biex inkabbiru l-kapaċitajiet u l-ħiliet tagħna stess. Għandna strateġija li għandha tagħmilna konformi b'mod sħiħ mal-istandards tal-UE sal-2015."

"In-nazzjonijiet kollha huma ugwali" – Jum ta' Fiera għall-Emigranti



- Stati Membri tal-UE
- Pajjiżi msieħba fl-ENP
- Kandidati għal sħubija fl-UE
- Kandidati potenzjali għal sħubija fl-UE



KUMMISSJONI EWROPEA
Relazzjonijiet Barranin



Stħarriġ reċenti sab li l-maġġoranza taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea huma favur kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-pajjiżi ġirien. Huma jemmnu li rabtiet aktar mill-qrib jistgħu jsaħħu l-paċi u d-demokrazija.

Dan huwa dak li tittratta l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP). Żviluppata fl-2003/2004 bil-għan li tressaq lill-UE mkabbra u lill-ġirien tagħha aktar qrib xulxin, l-ENP tittratta t-teħid ta' azzjoni konkreta sabiex jiġu appoġġjati riformi u biex issaħħaħ il-prosperità: biex ittejjeb il-ħajja ta' kuljum tan-nies fil-viċinat tagħna.

Allura kif taħdem? L-UE u kull wieħed mill-ġirien tagħha jaqblu fuq kif jibnu relazzjonijiet aktar mill-qrib u jappoġġjaw riformi fuq perjodu ta' tlieta sa ħames snin. L-impenni konġunti huma mfissra f'hekk imsejħa Pjanijiet ta' Azzjoni. Il-ħila u l-finanzi (kważi €12-il biljun mill-2007 sal-2013) huma disponibbli taħt l-Istrument tal-Viċinat u l-Partenarjat Ewropew (ENPI) sabiex jgħinu bil-modernizzazzjoni u r-riforma.



L-ideali fl-azzjoni

Id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem huma valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, ir-regola tal-liġi hija indispensabbli għall-prosperità u li-żvilupp sostenibbli fit-tul. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Politika Ewropea tal-Viċinat hija bbażata fuq impenn reċiproku biex tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija.

L-UE tappoġġja lill-gvernijiet imsieħba u s-soċjetà ċivili fl-isforzi tagħhom fir-riforma politika: minn riforma leġiżlattiva għall-garanzija tal-libertà tal-istampa; minn għoti tal-għajnuna lill-vittmi ta' oppressjoni politika għall-ġlieda kontra t-tortura.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-ENP li ntlafha qbil dwaru b'mod konġunt, jagħti ċ-ċans lil kull pajjiż biex jiffoka fuq l-aktar prijoritajiet importanti. Id-djalogu politiku dwar kwistjonijiet ta' tħassib reċiproku, bħall-immigrazzjoni u t-terroriżmu, huma wkoll parti importanti mill-Politika tal-Viċinat.



It-trasformazzjoni ta' storja kerha

'L-hekk imsejħa 'Snin taċ-Ċomb', li damu għaddejnin mis-snin 60 sat-tmeninijiet, kienu kapitoli diffiċli fl-istorja moderna tal-Marokk. Dan il-perjodu ra l-immirar sistematiku tad-dissidenti u trattamenti ħorox fuq skala wiesgħa fuq dawk li jipprotestaw.

Illum, bħala parti mill-isforzi tiegħu għad-demokratizzazzjoni, ir-re tal-Marokk, Mohammed VI, qiegħed jipprova jdedwi l-ġrieħi kkawżati minn dan il-perjodu iebes. Il-Kummissjoni tar-Rikonċiljazzjoni u l-Ekwità ilha sa mill-2004 tipprova tirikonċilja u tikkompensa l-vittmi ta' abbużi u atroċitajiet.

Madankollu, ma kienux biss l-individwi li sofrew matul is-Snin taċ-Ċomb. Ċerti reġjuni rebellużi tħallew lura permezz ta' politika ta' negliġenza soċjo-ekonomika. Żona partikolari kienet id-distrett ta' Mohammadi tal-klassi tal-ħaddiema f'Casablanca, iċ-ċentru kummerċjali tal-Marokk.

Bħal f'partijiet oħrajn tal-pajjiż, l-UE qegħda tappoġġja inizjattiva b'bosta uċuh biex terġa' tqajjem u xxettel dan il-viċinat li darba kien wieħed dinamiku, li fil-fatt ta lill-Marokk ħafna mill-aqwa ismijiet tagħha fil-letteratura, il-mużika, l-arti u l-isport.

It-tiswija tal-ħsara li saret

"Aħna nappoġġjaw proġetti li jgħinu biex isewwu l-ħsara li saret lil din il-komunità, bħal gruppi tan-nisa u ż-żgħażaġh, assoċjazzjonijiet tad-djar, kliniċi tas-saħħa u ċentri kulturali," tispjega Fatna el-Bouih, attivista għad-drittijiet ċivili u ex-dissidenta li tikkoordina l-kumitat. "L-irwol tiegħi huwa li nassigura li l-proġetti kollha jkunu jikkomplimentaw lil xulxin."

Il-qawmien mill-ġdid taċ-ċentru taż-żgħażaġh lokali, li kien stabbilit fil-ħamsinijiet, huwa wieħed mill-proġetti li qiegħdin jirċievu l-appoġġ. "Fil-passat, minn dan iċ-ċentru ggradwaw ġenerazzjonijiet ta' atturi, poeti, kittieba u drammaturgi," jiddikjara voluntier b'sens ta' kburija.

Illum, iċ-ċentru, li qiegħed jevolvi biex jilħaq il-ħtiġijiet ta' ġenerazzjoni ġdida, qiegħed għal darb'oħra jservi bħala xi ħaġa li jistgħu jiddependu fuqha ż-żgħażaġh f'dan id-distrett li waqa' fil-faqar. F'dan il-post, is-subien u l-bniet jistgħu jilagħbu għadd kbir ta' sports, minn volleyball sa lotta, jirċievu lezzjonijiet tal-mużika minn mużiċisti ewlenin, jieħdu sehem f'avvenimenti kulturali, u saħansitra jitgħallmu jiżfnu l-ġeneri tal-hip hop u l-break-dancing.



Innaqsu d-diffikultajiet fit-twelid ta' stampa ħielsa

Filwaqt li l-libertà tal-istampa mxiet il-quddiem fil-Ġordan, leġiżlazzjoni kumplessa, ambigwitajiet legali u nuqqas ta' għarfien tal-liġi jfissru li l-ġurnalisti xorta għad jistgħu jmorru kontra s-sistema bla ma jintebħu.

Meta wieħed iqis l-irwol importanti tal-midja, huwa kruċjali li l-ġurnalisti Ġordanjani jirċievu protezzjoni legali suffiċjenti biex iwettqu l-ħidma professjonali tagħhom mingħajr biża' li jispiċċaw vittmi ta' ritaljazzjoni. "Il-midja hija ġ-ġebla tax-xewka tar-riforma u d-demokrazija," jgħid Nidal Mansour, president taċ-Ċentru għad-Difiża tal-Libertà tal-Ġurnalisti (CDFJ). "Għal dik ir-raġuni, iddeċidejna li nwaqqfu taqsima li tiddefendi d-drittijiet legali tal-ġurnalisti."

Difensuri mwielda

Bl-appoġġ tal-UE, fl-2002, is-CDFJ waqqaf it-taqsima tal-għajnuna legali għall-midja, Melad, li tfinser 'twelid' bl-Għarbi. "Melad hija verament twelid. Hija t-twelid ta' xi ħaġa ġdida għall-ġurnalisti wara snin ta' taqbid. Huwa l-ewwel proġett li joffri lill-ġurnalisti għajnuna legali b'xejn fid-dinja Għarbija," jirrimarka Mansour.

Melad mhux biss jirrappreżenta lill-ġurnalisti fil-qradi mingħajr ħlas (aktar minn 50 każ fis-sena 2007 weħidha) iżda wkoll jipprovdilhom konsultazzjonijiet b'xejn, kif ukoll informazzjoni u taħriġ dwar id-drittijiet legali tagħhom.

It-taqsima twettaq ukoll ħidma ta' avukatatura, kemm fil-Ġordan u kif ukoll f'pajjiżi Għarab oħrajn, sabiex tipprova ttejjeb il-klima legali u twassalha għall-istandards internazzjonali. Dan jinkludi li jiġu proposti leġiżlazzjoni u emendi għal-liġijiet eżistenti li jillimitaw il-libertà tal-istampa. "Meta dan l-aħħar ipproponejna abbozz alternattiv ta' liġi dwar l-istampa, il-membri tal-parlament konservattivi nħasdu b'dan l-intervent ġdid," ifakkar Mansour.

Melad jipprova wkoll jilħaq medda aktar wiesgħa tad-dinja Għarbija. "Aħna nixtiequ nittrasformaw il-proġett Melad f'wieħed reġjonali li jkun jikkomprensi pajjiżi b'libertajiet simili fil-qasam tal-istampa, bħall-Eġittu, il-Marokk u l-Libanu," jittama Mansour.

Inkissru t-tabù tat-tortura

Fil-passat, ir-rekord tad-drittijiet tal-bniedem tal-Ġordan ġie kkritikat fuq livell internazzjonali, u t-tortura kienet identifikata bħala waħda mill-oqsma problematiċi. Wara rapport mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar it-tortura fl-2006, il-gvern tal-Ġordan u s-soċjetà ċivili ddeċidew li jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jeqirdu din il-prattika.

Fuq quddiemnett ta' din il-kampanja hemm l-organizzazzjoni mhux governattiva (NGO) tal-Ġordan, Adaleh (Ġustizzja), li nediet proġett appoġġjat mill-UE biex jimmonitorja każijiet ta' abbuż u jeħodha kontra t-tortura. "It-tortura hija kwistjoni –sensittiva fil-Ġordan u l-Ġordanjani jsibuha diffiċli biex jaċċettaw li din għadha għaddejja," tispjega r-rappreżentanta ta' Adaleh, Luna Sabbah. "Aħna l-ewwel NGO lokali li qegħda tindirizza din il-kwistjoni, u għalhekk irridu nagħmlu kull pass bil-għaqal."

Barra fil-miftuħ

"Il-fatt li mnexxielna ninvolvu l-ministru tal-Ġustizzja, is-soċjetà ċivili, il-pulizija u s-servizzi tas-sigurtà, tobba tal-forensika, uffiċjali tal-gvern u partijiet interessati oħrajn huwa diġà kisba kbira," tisħaq Sabbah.

B'żieda ma' dan, Adaleh ipproduċa l-ewwel rapport lokali komprensiv li qatt sar sabiex jidentifika fejn okkorrew l-inċidenzi ta' tortura biex b'hekk tkun tista' tittieħed azzjoni biex ma jerġgħux jitfaċċaw każijiet ta' tortura fil-futur.

"Għall-ewwel darba fl-istorja tiegħu, il-Ġordan għandu definizzjoni legali tat-tortura fuq il-kotba tiegħu," jgħid Talib el-Saqqaf, avukat ewlieni mill-Ġordan fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, li kien involut mill-qrib fir-rapport.

"Fost il-Ġordanjani ordinarji ma hemm ebda tolleranza għat-tortura u l-midja ħadet interess fil-ħidma tagħna," żied el-Saqqaf.

Adaleh qiegħed jistħarreġ din is-simpatija. "Aħna qegħdin noħolqu koalizzjoni wiesgħa biex niġġieldu t-tortura u nqajmu kuxjenza dwar il-kwistjoni," tgħid Sabbah. Min-naħa tiegħu, El-Saqqaf iżid: "Għandna wkoll il-ħsieb li nwaqqfu sistema ta' monitoraġġ u dokumentazzjoni permezz ta' kollaborazzjoni ma' NGOs u s-settur ġudizzjarju."

